QORTI CIVILI PRIM'AWLA

ONOR. IMHALLEF
JOSEPH ZAMMIT MCKEON

Illum it-Tnejn 4 ta` Dicembru 2017

**Fl-atti tar-rikors ghall-hrug ta` Mandat ta` Inibizzjoni Numru 1624/2017 JZM fl-ismijiet :**

**Redent Zammit, impjegat, bin Andrew Zammit u Lorenza Zammit nee` Galea, imwieled Pieta` u residenti Fgura, detentur tal-karta tal-identita` numerata 348672M ; u Marcia Zammit, mart l-istess Redent Zammit, bint Nicholas Cassar u May Cassar nee` Grech, imwielda Pieta` u residenti Fgura, detentrici tal-karta tal-identita` numerata 34690M**

***kontra***

**George Raymond Pace, fil-kummerc, bin Joseph u Maria Lourdes nee` Bonnici, imwieled Qormi u residenti Attard ID 343463(M) ; u martu Simone Pace, bint George Mangion u Gemma nee` Ciappara, imwielda Qormi u residenti Attard, detentrici tal-karta tal-identita` numerata 239863M**

**Il-Qorti :**

Rat ir-rikors li r-rikorrenti pprezentaw fid-9 ta` Novembru 2017 fejn, in kawtela ta` kreditu ta` €93,072.03 li r-rikorrenti jikkontendu li ghandhom kontra l-intimati, talbu lill-Qorti sabiex tordna l-hrug ta` mandat ta` inibizzjoni kontra l-intimati sabiex jinzammu milli jbieghu, inehhu, jittrasferixxu jew jiddisponu *inter vivos* sew b`titolu oneruz jew gratuwitu –

*L-appartament internament immarkat numru sitta (6) formanti parti minn blokk ta` appartamenti mhux numerat sitwat il-Qawra limiti ta` Bugibba/San Pawl il-Bahar, Triq l-Istamnar, maghruf bhala Block E, Cosmopolitan Apartments, bid-drittijiet tieghu hekk kif deskritt fil-kuntratt in atti Nutar Dottor Pierre Falzon tal-31 ta` Ottubru 2001 ;*

*Il-garage fit-tielet livell, enumerat internament tlieta u ghoxrin (23) formanti parti minn kumpless ta` garages sottostanti l-block A, Cosmopolitan Apartments (mhux numerat) sitwat il-Qawra limiti ta` Bugibba/San Pawl il-Bahar fi Triq l-Istamnar, kif deskritt fil-kuntratt in atti Dr Pierre Falzon tal-31 ta` Ottubru 2001 ;*

*Id-dar mhux numerata bl-isem "Massabiele", Mdina Road, Attard.*

Rat id-digriet taghha tad-9 ta` Novembru 2017 fejn laqghet it-talba tar-rikorrenti provizorjament, fejn ordnat in-notifika lill-intimati b`ghaxart (10) ijiem zmien ghar-risposta u fejn appuntat ir-rikors ghas-smigh ghall-udjenza tal-Hamis 23 ta` Novembru 2017 fl-10.00 a.m.

Rat illi l-intimati kienu notifikati fid-9 ta` Novembru 2017.

Rat ir-risposta li pprezentaw l-intimati fl-20 ta` Novembru 2017 fejn, ghar-ragunijiet hemm moghtija, talbu lill-Qorti sabiex tichad it-talba tar-rikorrenti ghall-hrug tal-Mandat, bl-ispejjez kontra r-rikorrenti.

Rat id-dokumenti li kienu esebiti mill-intimati mar-risposta.

Semghet ix-xiehda ta` r-rikorrent Redent Zammit u tal-intimat George Raymond Pace fl-udjenza tat-23 ta` Novembru 2017.

Semghet sottomissjonijiet tad-difensuri tal-partijiet fl-istess udjenza.

Rat in-nota b`dokumenti li r-rikorrenti pprezentaw fis-27 ta` Novembru 2017 kif kienu diretti jaghmlu mill-Qorti.

Rat id-digriet taghha moghti fl-udjenza tat-23 ta` Novembru 2017 fejn halliet ir-rikors ghal provvediment *in camera.*

**Ikkunsidrat** :

Huwa evidenti – mhux biss mill-impostazzjoni tat-talba izda sahansitra mill-formola adoperata biex jipprezentaw ir-rikors – illi r-rikorrenti qeghdin jitolbu l-hrug ta` mandat ta` inibizzjoni ("**<u>il-Mandat</u>**") abbazi tal-**<u>Art 874(1) tal-Kap 12</u>** li jaqra hekk –

*Mandat ta' inibizzjoni jista' jintalab* ***<u>ukoll</u>*** *minn kreditur biex jizgura dejn, jew kull pretensjoni ohra li tkun tammonta ghal mhux inqas minn hdax-il elf sitt mija u sitta u erbghin euro u sitta u tmenin centezmu (€11,646.86). L-iskop ta' dan il-mandat hu biex izomm lid-debitur milli jbigh, jittrasferixxi jew jiddisponi inter vivos mill-proprjetà li tigi indikata fir-rikors b'titolu oneruz jew gratuwitu jew b'xi mod johloq piz jew drittijiet reali u, jew personali; izda dak il-mandat ma jghoddx ghall-kostituzzjoni ta' xi dritt fuq, jew trasferiment ta', proprjetà li jsir skond ordni tal-qorti, jew fuq garanziji bankarji u ittri ta' kreditu.* (enfasi u sottolinear ta` din il-qorti)

Jirrizulta li l-kreditu vantat mir-rikorrenti kontra l-intimati jaqbez l-ammont ta` €11,646.86.

Fil-kors tas-smigh tar-rikors, xehdu kemm Redent Zammit kif ukoll George Raymond Pace.

**<u>Fis-sostanza</u>**, l-intimati ghamlu opposizzjoni ghat-talba ghall-hrug tal-Mandat kemm ghaliex ikkontestaw il-*quantum* tal-ammont pretiz, u kif ukoll ghaliex jikkontendu li meta l-intimat ittratta mar-rikorrent huwa ma kienx qieghed jagixxi *de proprio* izda ghan-nom ta` kumpannija.

Min-naha tieghu, Redent Zammit xehed li huwa ttratta ma` l-intimat u lilu jaf ghall-versament ta` flus li ghamel favur tieghu. Ipprezenta kopji ta` cheques ghall-prova tal-*quantum*.

**<u>Mhuwiex</u>** il-kompitu ta` *din* il-Qorti illi tghid jekk il-pretensjoni tar-rikorrenti kif dedotta hijiex fondata nkella le **<u>fil-mertu</u>**.

Dak l-accertament trid taghmlu *dik* il-Qorti li sejra tittratta *funditus* l-mertu tal-pretensjoni tar-rikorrenti u d-difiza tal-intimati kontra dik il-pretensjoni.

Ir-rwol ta` din il-Qorti fi procediment specjali bhal ma huwa dak tal-lum huwa limitat f`li tistabilixxi jekk ir-rikorrenti ghandhomx inkella le jedd *prima facie* kontra l-intimati. Kif sostniet il-Qorti tal-Appell fis-sentenza taghha tal-14 ta` Lulju 1988 fil-kawza "**<u>Grech pro et noe vs Manfre</u>**" ir-rekwizit tal-*jedd prima facie* huwa *oggettiv u mhux soggettiv, ma jiddependix mill-element diskrezzjonali tal-gudikant ; jew il-jeddijiet jidhru 'prima facie', ma' l-ewwel daqqa t'ghajn, jew ma jidhru xejn, ghall-finijiet tal-hrug tal-mandat.*

Fil-kaz tal-lum, *din* il-Qorti, wara li semghet ix-xiehda ta` Redent Zammit u ta` George Raymond Pace kif ukoll wara li rat id-dokumenti esebiti, hija tal-fehma li r-rikorrenti ghandhom jedd *mad-daqqa t`ghajn* li javvanzaw il-pretensjoni taghhom,

Jigi sottolineat illi l-fatt li talba ghall-hrug ta` l-mandat tintlaqa`, m`ghandux ifisser li l-jedd huwa ppruvat. Daqstant iehor lanqas ifisser illi l-fatt li talba ghall-hrug ta` l-mandat ma tintlaqax allura l-jedd pretiz ma jezistix. Issostni ghal darb`ohra li l-accertament shih tal-jedd trid taghmlu *dik* il-Qorti li sejra tiddeciedi l-mertu mhux *din*.

Fir-rikors taghhom, ir-rikorrenti jghidu illi t-talba ghall-hrug tal-Mandat kienet motivata mill-fatt illi dak kien l-uniku mezz li setghu jirrikorru ghalih sabiex jikkawtelaw il-pretensjoni taghhom. Wara li semghet ix-xiehda tal-intimat, il-Qorti ghandha l-prova li l-intimati m`ghandhomx mod iehor effettiv kif ixejnu t-talba ghall-hrug tal-Mandat fuq il-premess li kien l-uniku mezz ta` kawtela.

Fic-cirkostanzi, il-Qorti hija tal-fehma illi l-hrug tal-Mandat ta` Inibizzjoni huwa gustifikat anke ghaliex it-talba tar-rikorrenti tinkwadra ruhha fl-ambitu ta` l-Art 874 tal-Kap 12.

**Ghar-ragunijiet fuq premessi, il-Qorti qeghda :**

**Tilqa` t-talba tar-rikorrenti billi tordna l-hrug ta` Mandat ta` Inibizzjoni kontra l-intimati fejn qeghda zzomm lill-intimati milli jbieghu, inehhu, jittrasferixxu jew jiddisponu *inter vivos* sew b`titolu oneruz jew gratuwitu –**

**L-appartament internament immarkat numru sitta (6) formanti parti minn blokk ta` appartamenti mhux numerat sitwat il-Qawra limiti ta` Bugibba/San Pawl il-Bahar, Triq l-Istamnar, maghruf bhala Block E, Cosmopolitan Apartments, bid-drittijiet tieghu hekk kif deskritt fil-kuntratt in atti Nutar Dottor Pierre Falzon tal-31 ta` Ottubru 2001 ;**

**Il-garage fit-tielet livell, enumerat internament tlieta u ghoxrin (23) formanti parti minn kumpless ta` garages sottostanti l-block A, Cosmopolitan Apartments (mhux numerat) sitwat il-Qawra limiti ta` Bugibba/San Pawl il-Bahar fi Triq l-Istamnar, kif deskritt fil-kuntratt in atti Dr Pierre Falzon tal-31 ta` Ottubru 2001 ;**

**Id-dar mhux numerata bl-isem "Massabiele", Mdina Road, Attard.**

**L-ispejjez jibqghu riservati ghall-gudizzju finali fil-kawza dwar il-mertu tal-jedd pretiz mir-rikorrenti.**

**Onor. Joseph Zammit McKeon**
**Imhallef**

**Amanda Cassar**
**Deputat Registratur**